# Beati u Qaddisin...Gunju

**12 ta' Gunju**
**San Gaspare Luigi Bertoni**

GASPARE BERTONI twieled fid-9 ta' Ottubru 1777 gewwa Verona. Gie moghti edukazzjoni tajba hafna. Meta kellu 18 il-sena wiegeb ghas-sejha ta' sacerdot, imma hekk kif beda l-kors tat-teologija l-Francizi habtu ghall-belt ta' Verona biex rebhuha mill-Venezjani. Il-kjeriku zaghzugh iddistingwa ruhu fil-ghajnuna li ta' lill- feruti u lill-morda. Ircieva l-ordni sagri fil-20 ta' Settembru 1800 u fdawlu l-kura spiritwali taz-zaghzagh li f'dawk il-jiem kienu abbandunati minhabba d-dizordni politika u socjali. Fis-sena 1808 kien maghzul biex jiehu hsieb spiritwalment il-kongregazzjoni gdida ta' Ulied il-Karita' imwaqqfa minn S. Maddalena ta' Canossa.



Kien ukoll ta' gwida spiritwali ghas-Serva t'Alla Leopoldina Naudet, fundatrici tas-sorijiet tas-Sagra Familja. L-isqof fdalu id-direzzjoni spiritwali tas-sacerdoti futuri fis-seminarju.   Bil-waqa' ta' Napuljun, l-Awstriaci hatfu taht idejhom lil Verona u ma hallewx lil don Gaspare jisvolgi l-attivita appostolika li fdalu il-Papa Piju VII minhabba xi suspetti li dahhlu f'mohhom. Izda kull fejn seta' Don Gaspare ghallem u ippredika l-verita'. Kien jaghmel li jista biex jakkwista

hafna erwieh lil Kristu u jressaqlhomlu. Fuq kollox kien bniedem ta' talb u penitenza.

Kien ukoll strument biex jitwaqqaf l-istitut religjuz tal-Missjunarji appostolici, ghajnuna ghal Isqfijiet. Kien jbati minn mard kontinwu . Waqt li kien l-isptar wara wahda mill-hafna operazzjonijiet li ghaddda minnhom, infermier staqsieh jekk ghandux bzonn xi haga u Don Gaspare wiegbu: " Ghandi bzonn inbati." Huwa miet gewwa Verona fit-12 ta' Gunju 1853. Fl-1 ta' Ottubru 1989 Giovanni Pawlu II ipproklamah qaddis.